**6 ta' Marzu, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.:**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Camilleri

*versus*

Maria Borg

**Falsifikazzjoni ta' Skrittura — Fidejussjoni — Danni — Dolo u Kolpa.**

*Persuna li tiffirma skrittura minflok persuna oħra billi tapponi l-firma ta' dik il-persuna l-oħra, tista' tingħad, fis-sens purament materjali, li għamlet firma falza; imma ċ-ċirkustanzi jistgħu jkunu tali li ma jistax ugwalment jingħad li dik il-persuna hija ħatja ta' falsifikazzjoni delittwuża jew kważi-delittwuża.*

*Għax l-element tad-dolo hu dejjem meħtieġ anki għad-delitt ta' falsifikazzjoni ta' skrittura. Anki jekk għall-falz dokumentarju, fis-sistema tal-liġi tagħna, ma hux in ġenere meħtieġ li tiġi pruvata l-intenzjoni li wieħed jiffroda, ċjoè li jagħmel qliegħ jew li jikkaġuna dannu, il-koxjenza tal-ksur tal-liġi u l-intenzjoni li wieħed jinganna huma neċessarji dejjem.*

*Barra minn dan, għad li ma jistax jingħad b'mod ġeneriku illi l-bwona fede tiskuża l-kolpa għall-finijiet tar-riżarċiment*

*tad-danni ċivili, il-kolpa, billex taghti lok għar-riżarċiment, trid tkun ta' natura u karattru tali li teskludi li l-awtur tad-dannu kien fil-ġusta kredulità li jista' jeżegwixxi l-att li minnu hu preti li dderiva d-dannu.*

*Għaldaqstant, jekk persuna tiffirma skrittura ta' fidejussjoni għal persuna oħra li ma tafx tikteb, billi tapponi l-firma ta' dik il-persuna l-oħra, u mbgħad jirriżulta li d'k il-fidejussjoni saret nullament u li l-kreditur sofra dannu minħabba n-nullità ta' dik l-iskrittura, il-persuna li ffirmat minflok ħadd ieħor, i.e. minflok il-pretiż garanti, mhix responsabbli għad-danni lejn il-kreditur, jekk hija ffirmat għax ġiet mitluba u awtorizzata tagħmel dik il-firma, u għax ġiet imgħarrfa li setgħet tagħmel dik il-firma, u mhux b'ex tinganna jew tagħmel xi qliegħ.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla — Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih, wara li ġie premess illi ċitazzjoni ġiet preżentata mill-attur kontra Anthony Preca fil-Qorti tal-Kummerċ għar-restituzzjoni tas-somma ta' £990 lilu mislufa u għall-interessi kummerċjali mis-6 ta' Marzu 1955; illi fil-mori tal-kawża, deċiża fid-29 ta' Novembru 1955, l-istess Anthony Preca kien marid serjament u xtaq jottjeni dilazzjoni għall-eżekuzzjoni tas-sentenza, u għalhekk sar ftehim fis-sens li Eliżabetta Preca, omm id-debitur, tidħol garanti solidali ta' binha għall-pagament tas-somma kollha dovuta u l-ispejjeż tal-kawża, u li s-sentenza li kellha tingħata wara ma tkunx eżegwibbli qabel sena; liema ftehim ġie nkorporat fi skrittura datata 12 ta' Ġunju 1955, eżibita mal-proċess "Maria Preca vs. Giuseppe Camilleri" deċiż mill-Qorti tal-Kummerċ fil-31 ta' Jannar 1956; illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fit-8 ta' Jannar, fl-ismijiet "Maria Preca vs. Giuseppe Camilleri", ġie deċiż li l-imsemmija skrittura ta' fidejussjoni hija nulla, għax il-firma li tidher fuqha bl-isem ta' Eliżabetta Preca ma ġietx minn din magħmula, u wkoll in vista tal-fatt li l-konvenuta Maria Borg ammettiet fix-xhieda tagħha li kienet hija li apponiet l-isem ta' ommha fuq il-predetta skrittura; u illi l-konvenuta, bħala eredi ta' Eliżabetta Preca, qegħdha tirrifjuta li tirrikonoxxi l-obligi li riedet tassumi l-istess ommha bl-imsemmija skrittura, obligi li fil-fatt ma ġewx assunti għax il-konvenuta ffalsifi-

kat il-firma ta' ommha; u illi, minħabba f'dan l-aġir illegali tal-konvenuta, li ffirmat l-imsemmija skrittura, l-attur sofra danni, minħabba wkoll il-fatt li l-assi ta' Anthony Preca ma kienx sostanzjali biżżejjed biex seta' jiġi sodisfatt il-kreditu tiegħu kanonizzat bil-fuq ċitata sentenza tad-29 ta' Novembru 1955; l-attur jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji, u partikolarment dik li l-firma ta' Eliżabeta Preca, li hemm fl-iskrittura tal-fidejussjoni tat-12 ta' Ġunju 1955, saret mill-konvenuta bi preġudizzju għad-drittijiet tal-attur, u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenuta tiġi dikjarata responsabbli għad-danni sofferti *mill-attur in vista tan-nullità* tal-imsemmija fidejussjoni, li tagħha kienet responsabbli l-istess konvenuta; danni li jiġu likwidati f'ġudizzju separat. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tad-9 ta' Lulju 1957;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Ottubru 1958, li biha, prevja d-dikjarazzjoni mitluba mill-attur, ġiet milqugħa t-talba tiegħu; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta; wara li kkunsidrat;

*Omissis;*

Illi mill-provi akkwiżiti għall-proċess il-fatti li taw lok għall-kawża jidher li kienu dawn li ġejjin;

B'ċitazzjoni numru 296 preżentata quddiem il-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża "Giuseppe Camilleri vs. Anthony Preca", l-attur talab li Anthony Preca jiġi kundannat iħallsu s-somma ta' *£990* u saldu ta' somma akbar lilu mislufa, bl-interessi kummerċjali mis-6 ta' Marzu 1955. Anthony Preca ssottometta fl-eċċezzjonijiet tiegħu li huwa jammetti d-debitu ndikat f'dik iċ-ċitazzjoni, imma rrileva li hu kien ta bħala rahan lill-attur oġġetti ta' metall prezzjus u oġġetti oħra ta' valur rilevanti, u kien ukoll ftiehem miegħu li jagħtieh dilazzjoni, u għalhekk talab li tiġi mogħtija lilu dik id-dilazzjoni biex ikun jista' jillikwida u jbiegħ flimkien mal-attur dak ir-rahan, u b'hekk jestingwi in parti d-debitu tiegħu. L-attur wera ruħu pront jagħti lil Anthony Preca

d-dilazzjoni minn dan mitluba, bil-kondizzjoni però li ommu, Eliżabetta Preca, taċċetta tidħol garanti solidali ta' binha Anthony għas-somma ġa msemmija u l-interessi;

Ġew ottenuti mill-Qorti diversi differimenti biex jintlaħaq dan il-ftehim, li kellu jwassal għaċ-ċessjoni tal-kawża. Fl-aħħar intqal lill-konsulent legali tal-attur, l-Avukat Dr. Ragonesi, minn Salvatore Bianco, ir-raġel ta' oħt Anthony Preca, li omm dan kienet aċċettat il-kondizzjoni voluta mill-atturi; ġiet mill-imsemmi avukat, f'isem l-attur, redatta l-iskrittura relattiva, li l-Avukat Dr. Salvatore Xuereb, konsulent legali ta' Anthony Preca, approvaha wara li żied fiha paragrafu; l-iskrittura ġiet meħuda minn Salvatore Bianco (li kien qiegħed imexxi huwa kollox fl-interess ta' Anthony Preca, billi dan kien marid serjament) biex jagħtiha lill-omm Anthony Preca ħalli tiffirmaha; u in segwitu ġiet ritornata lill-attur mill-imsemmi Salvatore Bianco bil-firma "Elizabeth Preca"; l-attur iffirma dik l-iskrittura huwa wkoll (v. fol. 4 proċess kawża "Camilleri vs. Preca", deċiża Kumm. 31.1.'56);

Il-kawża ġiet differita għal probabbli ċessjoni għall-4 ta' Ottubru 1955; imma billi fl-intervall, u preċiżament fil-11 ta' Lulju 1955, Anthony Preca miet, tkompliet kontra l-eredità ġjaċenti tiegħu rappreżentata minn Maria Preca, oħt l-imsemmi Anthony Preca, li aċċettat dik ir-rappreżentanza bħala eredi ta' ħuha, li kien istitwiha bħala tali b'testment fl-atti tan-Nutar Dr. Robert Girard tal-25 ta' Ġunju 1955, u hija aċċettat dik l-eredità bil-benefiċċju tal-inventarju kif jidher minn nota tagħha preżentata fis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti tat-18 ta' Ottubru 1955 (v. nota S.A. nru. 1403/55). B'nota tal-25 ta' Novembru 1955 l-attur irriduċa t-talba għas-somma ta' £507.7.8. flimkien mal-lukri relattivi mit-23 ta' Novembru 1955, u dan in vista tal-akkonti riċevuti, u l-partijiet talbu li tingħata sentenza għas-somma kif ridotta mill-attur. Dak inhar stess il-kawża ġiet deċiża, billi l-Qorti laqgħet it-talba tal-attur limitatament għas-somma ta' £507.7.8 bil-lukri kummerċjali mit-23 ta' Novembru 1955, u bl-ispejjeż;

B'ittra uffiċjali tas-27 ta' Diċembru 1955, Maria Preca, bħala eredi unika ta' ommha Elizabetta, avżat lill-attur li l-obligi li kienet assumiet ommha bl-iskrittura fuq imsemmija, li biha kkostitwiet ruħha garanti solidali għall-pagament tal-kreditu tiegħu kontra Anthony Preca, ma għandhom ebda valur legali, għaliex l-imsemmija Elizabetta Preca, bħala mara u ultra-settwaġenarja, ma ġietx awtorizzata mis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti għal dak l-att gratuwitu. Għalhekk l-attur, b'ċitazzjoni numru 9 preżentata quddiem l-istess Qorti fil-kawża "Giuseppe Camilleri vs. Maria Preca", talab li, in vista ta' dik il-pretensjoni avanzata minnha jiġi lil Maria Preca nomine prefiss terminu biex hija tiddeduċi l-millantazzjoni tagħha, u in difett jiġi lilha mpost is-silenzju perpetwu. B'eċċezzjonijiet tagħha Maria Preca ddikjarat li ma kienx hemm lok ta' prefissjoni ta' terminu, billi hija kienet ġa ppreżentat iċ-ċitazzjoni biex issostni dik il-millantazzjoni; u billi fil-fatt irriżulta li Maria Preca ċ-ċitazzjoni msemmija kienet ippreżentatha, u għalhekk ma kienx hemm lok għall-prefissjoni taż-żmien biex hija tagħmel hekk, il-Qorti, fil-31 ta' Jannar 1956, ma ddeċidietx it-tieni domanda, u ħalliet id-deċiżjoni tal-ispejjeż għall-kawża magħmula mill-istess Maria Preca;

Din il-kawża hekk promossa minn Maria Preca ġiet però minnha ċeduta fil-21 ta' Ġunju 1956 (v. ċitaz. "Preca vs. Camilleri"). B'dan kollu, l-istess Maria Preca, b'ċitazzjoni numru 289 preżentata quddiem il-Qorti tal-Kummerċ fl-14 ta' Ġunju 1956, fil-kawża "Preca vs. Camilleri", talbet in kontestazzjoni tal-attur f'din il-kawża li l-garanzija ndikata fl-imsemmija skrittura tiġi dikjarata nulla u bla effetti legali, għaliex Elizabeth Preca kienet illetterata, u kwindi l-firma fl-iskrittura mhijiex ta' Elizabetta Preca, u l-iskrittura ma għandhiex l-awtentikazzjoni li trid il-liġi. B'sentenza tat-8 ta' Jannar 1957 l-imsemmija Qorti ddeċidiet adeżivament għat-talba ta' Maria Preca, billi fil-fatt ġie pruvat li dik il-firma kienet apponietha l-istess Maria Preca; imma ordnat li l-ispejjeż tal-kawża, u dawk tal-kawża l-oħra ta' jattanza deċiża fil-31 ta' Jannar 1956, li kienu riżervati għal din id-deċiżjoni, jitħallsu minn Maria Preca. Din, li sadattant iżżewġet lil Paolo Borg, appellat minn dik is-sentenza limitatament għall-kap tal-ispejjeż; imma b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-12 ta' April 1957

l-appell ta' Maria Borg ġie respint, bl-ispejjeż kontra tagħha;

Illi bil-kawża odjerna l-attur qiegħed jitlob li l-konvenuta, l-imsemmija Maria Preca l-lum Borg, tiġi dikjarata responsabbli għad-danni li huwa jippretendi li sofra billi bl-aġir tagħha tat lok għan-nullità ta' dik l-iskrittura, billi hija ffalsifikat il-firma ta' ommha, u hija bħala eredi ta' ommha qegħdha tirrifjuta tirrikonoxxi l-obligi li ommha riedet tassumi bl-imsemmija skrittura; liema obligi fil-fatt ma ġewx assunti minħabba dak l-aġir illegali tal-konvenuta;

Illi skond il-kawżali taċ-ċitazzjoni, tnejn huma l-indaġini li jridu jsiru f'din il-kawża: jekk Eliżabetta Preca riedetx tassumi l-garanzija ndikata fl-imsemmija skrittura; u jekk il-konvenuta iffalsifikatx dik l-iskrittura;

Illi l-ewwel indaġini hi ta' faċili soluzzjoni, u hi fis-sens li Eliżabetta Preca riedet tassumi l-obligi msemmijin f'dik l-iskrittura. Infatti, il-konvenuta stess tammetti fix-xhieda tagħha......;

Illi rigward it-tieni indaġini, il-konvenuta tissottometti li s-sempliċi appożizzjoni tal-kliem "Eliżabetta Preca", bħala firma ta' ommha magħmula minnha f'dik l-iskrittura, ma tikkostitwix falsifikazzjoni skond il-liġi. Din is-sottomissjoni ma hix aċċettabbli. Fil-każ taħt konsiderazzjoni, il-falsifikazzjoni pretiża mill-attur ġiet kommessa fi skrittura privata; u skond il-liġi, skrittura simili tista' tiġi falsifikata b'diversi mezzi, fosthom dak tal-firma falza (art. 187 Kod. Kriminali);

Il-konvenuta tissottometti wkoll li mhijiex responsabbli tad-danni pretiżi mill-attur, għaliex qabel l-iskrittura hija ma kellha ebda relazzjoni miegħu, u meta apponiet il-firma fuq l-iskrittura dan għamlitu mingħajr ebda nteress, kolpa, malizzja jew frode, imma sempliċement għaliex ommha kienet qaltilha biex tagħmel hekk. F'dan ir-rigward hu ta' min josserva li hawnhekk jittratta minn falz ċivili, u "nel falso civile, come in quello penale, havvi la 'mutatio veritatis'; ma nel falso penale è elemento essen-

ziale il dolo di chi lo commise, mentre il falso civile consiste unicamente nella 'mutatio veritatis'" (Coen, Repertorio Generale di Giurisprudenza, voce Falso (materia civile), para. 3); u l-konvenuta tammetti li dawk il-kliem fl-iskrittura apponiethom hija; u kwindi hi responsabbli għal dik il-"mutatio veritatis" minnha kommessa;

Però, anki kieku kellu jittratta minn falz penali, jidher li l-konvenuta tibqa' wkoll responsabbli għall-aġir tagħha. Fis-sistemi ta' liġi simili għal dak tagħna, ir-reati ta' falsifikazzjoni huma kunsidrati mhux bħala offiżi kontra l-proprjetà jew drittijiet oħra ndividwali, imma bħala offiżi kontra l-fedi publika in ġenerali; u kwindi taħt dawn is-sistemi d-dottrina komunement aċċettata hi dik li mhix essenzjali l-intenzjoni speċifika tal-frode, jew li tiġi kaġunata ħsara fid-drittijiet ta' ħadd ieħor, ċjoè din l-intenzjoni mhix neċessarja li tiġi pruvata, għaliex darba li tiġi pruvata l-volontarjetà fil-"mutatio veritatis" b'xi wieħed mill-mezzi speċifikati mill-liġi, l-intenzjoni frawdoluża hi preżunta, u ma hemmx bżonn li tiġi pruvata, ċjoè hi biżżejjed il-prova ta' qerq, jiġifieri li wieħed jippreżenta bħala ġenwin dokument li kien jaf li mhux tali; hemm bżonn, però, ukoll fil-falz fi skrittura privata, u dejjem fil-kamp penali, tal-possibbiltà li tiġi kaġunata ħsara fid-drittijiet ta' ħadd ieħor u tal-possibbiltà li wieħed jiġi ngannat;

Minn dawn il-prinċipji jsegwi li, anki kunsidrat il-każ fil-kamp penali, il-konvenuta ffalsifikat dik l-iskrittura. Jirriżulta li l-istess ġiet mogħtija lil Salvatore Bianco, ir-raġel ta' oħt il-konvenut, biex jeħodha lil Eliżabetta Preca biex din tiffirmaha; Bianco kkonsenja l-iskrittura lill-konvenuta biex tagħtiha ħalli jiffirmawha ommha Eliżabetta u ħuha Anthony; wara xi żmien il-konvenuta tat dik l-iskritra lil Bianco, li rritornaha lill-attur. Il-konvenuta kienet taf li dik l-iskrittura kienet volontarjament iffirmatha hija u li ma kienetx iffirmatha ommha, u b'dan hija ma qalet xejn lil Bianco; u bis-sempliċi preżentazzjoni tal-iskrittura bħala li kienet ġenwinament firmata minn Eliżabetta Preca, meta hija kienet taf li ommha fil-fatt ma kienetx hekk iffirmatha, il-konvenuta kkommettiet il-qerq fuq imsemmi. Ma hemmx dubju li l-attur ma kienx jaf li omm il-konvenu-

ta ma kienetx taf tikteb, u kwindi huwa ġie ngannat b'dik il-firma magħmula mill-konvenuta, kif ukoll l-iskrittura kienet att li jikkaġuna ħsara jew jipprokura profitt;

Illi l-konvenuta tgħid li l-kliem "Eliżabetta Pace" kitbithom sempliċement għaliex qaltilha ommha biex tagħmel hekk, billi din ma kienetx taf tikteb, u dan qalitulha fil-preżenza ta' ħuha Anthony u ta' Salvatore Bianco, u anzi fuq suġġeriment ta' dan tal-aħħar, u li dawk il-kliem kitbtihom in segwitu fil-preżenza ta' Doris Bianco, li kienet ħaditilha l-iskrittura billi kien bagħtielha magħha missierha Salvatore, li bagħat ifakkarha biex tiffirmaha minflok ommha. Dawn l-allegazzjonijiet, għal dak li talvolta seta' jiswielha, il-konvenuta bl-ebda mod ma ppruvathom. Lill-ommha u lil ħuha, billi jinsabu mejta, il-konvenuta evidentement ma setgħetx tipproduċihom; imma lil Doris Bianco l-konvenuta ma ngunġiethiex biex tixhed. Salvatore Bianco, mbgħad, jikkontraddiċi għal kollox il-konvenuta. Huwa xehed . . . . . Miż-żewġ versjonijiet tal-konvenuta u ta' Salvatore Bianco tidher aktar aċċettabbli din ta' dan l-aħħar. Ix-xhieda tal-konvenuta mhix attendibbli, billi, apparti l-komportament tagħha nervus u konfuż quddiem il-Qorti, hija tinsab kontinwament kontraddetta mill-fatt. Hekk hija xehdet . . . . . ;

*Omissis;*

Illi, konformement għal dak li ntqal iżjed il-fuq, din il-Qorti hi tal-fehma li d-domandi tal-attur għandhom jiġu milqugħa;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenuta, u l-petizzjoni tagħha, li biha talbet li s-sentenza appellata tiġi revokata u t-talba tal-attur tiġi miċħuda; bl-ispejjeż kontra tiegħu;

*Omissis;*

Semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat;

Mit-termini taċ-ċitazzjoni donnu jidher li l-attur qieħed jippostula, bħala bażi tal-azzjoni tiegħu, il-mankanza tal-fidejussjoni da parti ta' Eliżabetta Preca fiha

nnfisha. Il-pretensjoni tiegħu donnha hi illi l-konvenuta għandha tagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' dik il-fidejussoni. Peress illi, kif allega, hu sofra danni konsistenti fin-nuqqas tal-vantaġġ li hu kien kieku jidderiva minn dik il-fidejussjoni, il-konvenuta għandha tiġi dikjarata responsabbli versu lejh ta' dawk id-danni. Fi kliem ieħor, l-attur jistenna li l-konvenuta tirreintegrah fil-pożizzjoni li kien ikun fiha kieku dik il-fidejussjoni kienet valida;

Issa, meta wieħed iqies sewwa l-fatti tal-kawża, l-uniku *preġudizzju* li l-attur jista' leġittimament jgħid li sofra jista' jkun konsistenti biss fid-dilazzjoni li in vista tal-għoti ta' dik il-fidejussjoni hu kkonċeda lid-debitur prinċipali. Għall-fidejussjoni l-attur ma kellu ebda dritt legali; hu eżiġiha bħala kondizzjoni biex jissospendi għal sena l-eżazzjoni tal-ħlas tal-kreditu tiegħu kontra Antonio Preca. Issa, ma jidherx, lanqas "prima facie", li "minħabba dik id-dilazzjoni" l-attur sofra xi *danni*. Apparti però din il-kwistjoni, li forsi proprjament kienet tkun tappartjeni għal stadju ieħor tal-azzjoni tad-danni, ċjoè għall-istadju tal-konstatazzjoni materjali u likwidazzjoni tagħhom, din il-Qorti ma hix ta' fehma illi għandha tingħata d-deklaratorja ta' responsabbiltà mitluba fiċ-ċitazzjoni;

Skond il-provi, l-attur ma kellu ebda kuntatt dirett għar-rigward tal-firma tal-iskrittura in kwistjoni, la mal-konvenuta u lanqas ma' ommha Elizabetta Preca. Hu għażel li jinqeda b'Salvatore Bianco, u qagħad fuqu;

L-Ewwel Qorti rriteniet illi Eliżabetta Preca "riedet" tassumi l-garanzija kontenuta f'dik l-iskrittura. Iżda, biex *waslet għal din il-konklużjoni, dik il-Qorti* ppreżumiet fatt importantissimu li għalieh din il-Qorti ma jidhrilhiex, bir-rispett kollu, li hemm fil-proċess provi soddisfaċenti. Ċertament jirriżulta, u hu ammess mill-konvenuta, illi Eliża-betta Preca riedet "li tkun iffirmata b'isimha l-karta li ħa, jew, kif ser jingħad, bagħat għandha Salvatore Bianco"; iżda ma jirriżulta minn imkien mill-provi illi hi "kienet taf u fehmet" il-kontenut ta' dik il-karta. Eliżabeth Preca kienet mara ta' fuq it-tmenin sena u, milli jidher, gravement marida fis-sodda. Hi kienet kompletament illetterata. Salvatore Bianco nnifsu lanqas biss jallega illi hu fisser lil

Eliżabetta Preca dak li kienet mistennija li tobliga ruħha għalieh. Anzi fix-xhieda tiegħu lanqas biss jgħid li "kellem" lil Eliżabetta Preca; hu jgħid biss li l-karta taha lill-konvenuta biex l-omm tiffirmaha (fol. 38). Mix-xhieda tal-konvenuta jidher illi Bianco fil-fatt kellem lil Eliżabetta Preca meta qalilha biex tiffirma l-iskrittura in kwistjoni; iżda l-konvenuta tkompli tgħid illi Bianco ma spjegalhiex dak li kien fiha; qalilha biss li "hemm xi flus" (fol. 18); tgħid ukoll illi la hi u lanqas ommha ma kienu jafu għalfejn kienet dik il-karta (ibid.); u żżid tgħid illi, sa fejn taf hi, qatt ma ġie spjegat lill-ommha li kienet sejra tagħmel tajjeb għall-flus li kellu jagħti Antonio Preca (fol. 20);

Minn dan kollu għandu jibqa' almenu dubju serju jekk Eliżabetta Preca fil-fatt riedetx, b'konsapevolezza kompleta u reali, tippresta l-garanzija rikjesta mill-attur;

Fit-tieni lok, l-Ewwel Qorti rriteniet li l-konvenuta "iffalsifikat l-iskrittura in kwistjoni". Issa, hu veru ċertament illi l-firma li hemm fuq dik l-iskrittura ma hijiex ta' Eliżabetta Preca, u ġiet miktuba mill-konvenuta. Dan anqas hu in kwistjoni. F'dan is-sens purament materjali jista' jingħad illi dik il-firma hi falza. Iżda fil-fehma ta' din il-Qorti ma jistax ugwalment jingħad illi l-konvenuta hi ħatja, fiċ-ċirkustanzi kif ġraw, ta' falsifikazzjoni delittwuża jew kważi-delittwuża;

Wara li din il-Qorti semgħet bħala xhud lil Doris Aquilina, li ma kienetx (għal raġunijiet li ġew soddisfaċentement spjegati lil din il-Qorti) xehdet quddiem l-Ewwel Qorti, il-fatt veri jidhru li kienu dawn;

Meta Dr. Ragonesi rrediġa l-iskrittura in kwistjoni, din ġiet mogħtija f'idejn Salvatore Bianco, biex dan iġib fuqha l-firma ta' Eliżabetta Preca. Bianco wera *dik l-iskrittura* lil Dr. Salvatore Xuereb, li żied fuqha l-aħħar paragrafu li hu miktub bil-lapis. Mbgħad Salvatore Bianco mar kellem lil Eliżabetta Preca d-dar tagħha, u qalilha li għandu karta biex tiffirmaha. F'dik l-okkażjoni Bianco ma kellux dik l-iskrittura f'idejh. Eliżabetta Preca qalet lil Bianco illi hi ma kienetx taf tikteb (ħaġa li aktarx Salvatore Bianco kien ġa jafha), u hu allura ssuġġerixxa illi tif-

firma l-konvenuta flok ommha, u l-omm qalet lill-istess konvenuta biex tiffirma minflokha. In segwitu, Bianco bagħat il-karta lill-konvenuta ma' bintu Doris Aquilina. Skond din ix-xhud, hu qalilha:— "Hu din il-karta għand in-nanna tiegħek biex tiffirmaha z-zija b'isem in-nanna, għaliex in-nanna ma tafx tikteb". Din id-darba ma sar xejn, għax il-konvenuta ma setgħetx. Granet wara, Doris Aquilina reġgħet marret għand il-konvenuta bl-istess inkarigu da parti ta' missierha, ċjoè biex il-konvenuta tiffirma isem ommha u l-konvenuta ffirmat kif bagħat jgħidilha Bianco. Billi l-konvenuta ma setgħetx tispelli l-isem "Elizabetta", iddettattilha l-ittri tiegħu l-istess Doris Aquilina (dawn il-fatti jirriżultaw mix-xhieda li l-konvenuta kienet tat fil-kawża "Mara Preca vs. Giuseppe Camilleri" deċiża minn din il-Qorti fit-12 ta' April 1957, u mix-xhieda tal-istess konvenuta f'din il-kawża kif korroborata mix-xhieda ta' Doris Aquilina);

Biżżejjed tenunċja dawn il-fatti biex jidher minnufih illi ma ġiex pruvat kontra l-konvenuta ebda element ta' dolo, li hu dejjem meħtieġ anki għal delitt ta' falz fi skrittura. Anki jekk għall-falz dokumentarju fis-sistema tal-liġi tagħna ma hux in ġenere meħtieġ li tiġi pruvata l-intenzjoni li tiffroda, ċjoè li tagħmel qliegħ jew li tikkaġuna dannu, il-koxjenza tal-ksur tal-liġi u l-intenzjoni li tingannа huma neċessarji dejjem;

Lanqas jista' jingħad illi l-konvenuta ġiet pruvata ħatja ta' kolpa fil-konfront tal-attur. Għad li ma jistax jingħad b'mod ġeneriku illi l-bwona fede tiskuża l-kolpa għall-finijiet tar-riżarċiment tad-danni ċivili, jgħodd però għal dan il-każ dak li ġie deċiż, fis-sens illi:— "La colpa, per dar luogo a risarcimento, deve essere di tale natura e carattere da escludere che l'autore del danno si trovasse nella giusta credulità di potere eseguire legittimamente l'atto dal quale si pretende derivato un danno" (cfr. Fadda, art. 1151-1152, numru 2020). Fil-każ preżenti, kien Bianco, inkarigat bl-affari mill-attur, li ssuġġerixxa lill-konvenuta li setgħet tiffirma hi l-isem ta' ommha, u l-firma b'dan il-mod ġiet awtorizzata mill-istess omm. Jekk Bianco ma qalx lill-attur b'dak li a konoxxenza tiegħu kien sar, u jekk l-attur leġġerment serraħ rasu bla ma staqsa jew ivverifika bl-ebda mod,

ma jidherx illi fiċ-ċirkustanzi għandha tinżamm responsabbli l-konvenuta;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti jidhrilha illi l-aggravju tal-konvenuta hu fondat;

Għaldaqstant tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tiċħad it-talba tal-attur;

L-ispejjeż, minħabba ċ-ċirkustanzi, tant tal-prima istanza kemm tal-appell, jibqgħu mingħajr taxxa, ħlief dawk tar-Reġistru, li jitħallsu mill-attur.